MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili - Ghawdex Numru. 1/1992/1

**Annunziata sive Nancy xebba, Frances xebba, Reno sive Nazzareno, Grace xebba u Mary Rose xebba, ahwa Grech u Francesco Vella u b'digriet tal-10 ta' April 1997 it-trasfuzjoni tal-gudizzju ghadda f'isem l-eredi prezunt l-armla ta' Francesco Vella, Gianna mwielda Farrugia u illi fid-29 ta' April 1997 Saver Vella, Maria Attard u John Vella assumew l-atti flimkien ma' ommhom Ganna Vella**

**-vs-**

**Joseph Mintoff u b'digriet tas-16 ta' Marzu 2000 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony, Rita u Maria Rosa ahwa Mintoff bhala eredi prezunti ta' l-intimat Joseph Mintoff li miet fil-mori tal-kawza u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2008 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Mintoff, Emanuel Mintoff, Eucharist Mintoff, Rev. Michael Mintoff, Carmen Mintoff (xebba), Josephine mart Michael Zerafa, Mary Jane mart Teddy Said u Rita mart Loreto Xuereb, ilkoll ahwa Mintoff kif**

**rapprezentati minn Anthony Mintoff stante l-mewt ta' Anthony Mintoff fil-mori ta' dan ir-rikors.**

**Il-Qorti,**

Fid-12 ta' Gunju, 2008, il-Bord dwar Kontroll ta' Kiri ta' Raba' (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**Il-Bord,**

Ra r-rikors prezentat fit-23 ta' Jannar 1992 fejn ir-rikorrenti esponew illi huma proprjetarji u jikru lill-intimat bicca art imsejha "tal-Wilga" fil-limiti ta' l-Ghasri, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka hamest elef, sitt mija u ghoxrin metru kwadru (5620m$^2$) u konfinanti mit-tramuntana ma' Triq il-Wileg, lvant ma' beni ta' l-Avukat Victor Bajada, nofsinhar ma' beni tar-rikorrenti, murija bl-isfar fuq l-annessa pjanta Dok A,  bil-qbiela ta' disa' liri Maltin (Lm9) fis-sena li jithalsu kull sena fil-hmistax (15) ta' Awissu ta' kull sena.

Illi l-esponenti ghandhom bzonn dan ir-raba sabiex jinhadem minn Francesco Vella u wliedu.

Talbu li dan il-Bord previa l-likwidazzjoni tal-kumpens talvolta dovut lill-intimat, joghgbu jawtorizza r-ripresa tal-pussess tal-fond fuq imsemmi a favur tar-rikorrenti u ma jawtorizzax ir-rilokazzjoni ta' l-istess raba favur l-intimat wara l-iskadenza wara l-15 ta' Awissu 1992.

Ra r-risposta ta' l-intimat Joseph Mintoff prezentata fit-12 ta' Frar 1992 (fol. 6) fejn espona li huwa qieghed jikkontesta r-rikors imsemmi u dan billi t-talba hija nfondata ghaliex mhux minnu illi r-rikorrenti Francesco Vella jinhtieg dan ir-raba' ghall-koltivazzjoni.

Rat ir-risposta ulterjuri ta' l-intimat prezentata fil-21 ta' Ottubru 1992 (fol. 16) fejn iddikjara li *"mhux lecitu ghar-*

*rikorrenti ahwa Grech li jirreklamaw ir-ripresa tal-pussess a bazi tal-bzonn tal-komproprjetarju l-iehor jew ta' xi hadd mill-familjari tieghu. Konsegwentement ukoll, il-komproprjetarju l-iehor ma jistax jagixxi ghar-ripresa tal-pussess qabel ma tkun giet issegregata l-parti tieghu mill-arti komuni".*

Ra l-atti tar-rikors fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Grech et vs George Mizzi** (Rikors numru 11/91) deciz fit-3 ta' Dicembru 1997.

Ra l-atti tar-rikors numru 12/1991 fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Grech et vs Anthony Mintoff** deciz fid-19 ta' Ottubru 2007.

Ra il-verbal tas-seduta tal-1 ta' April 2008 minn fejn jirrizulta li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.

Ikkunsidrat:-

1. Dan ir-rikors jittratta porzjon raba' msejha tal-Wilga, fil-limiti tal-Ghasri, Ghawdex, tal-kejl ta' circa hamest elef sitt mija u ghoxrin metri kwadri (5,620m2). Raba' li kienet imqabbla lill-intimat Joseph Mintoff li miet fl-14 ta' Jannar 2000[1].

2. Dwar ir-risposta ulterjuri dan il-Bord kif diversament presjedut diga' kellu l-opportunita li jesprimi ruhu fis-sens li l-eccezzjoni m'hijiex gustifikata in kwantu *"il-ligi ma riditx li komproprjetarju genwinament mixtieq u rizolut li jahdem l-art hu stess ma jkun jista' qatt jottjeniha semplicement ghax il-komproprjetarju l-iehor (allavolja kuntentissimu li jahdimha siehbu li jehtiega) mhux ser jahdimha hu wkoll"* (**E. Xuereb vs J. Agius** deciza fis-16 ta' Jannar 1976).

3. Wara d-digriet moghti fid-19 ta' Ottubru 2007, ir-rikorrenti baqghu jinsistu li l-Bord kellu jaghti decizjoni in kwantu fil-fehma taghhom il-fatt li l-inkwilin kien miet ma

[1] Ara certifikat tal-mewt a fol. 162.

kien jimpingi xejn fuq it-talba taghhom. Fir-realta' t-trasfuzjoni u legittimazzjoni ta' l-atti jsiru sabiex proprjament il-kawza tkun tista' tissokta u dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li minkejja l-mewt tal-inkwilin (Joseph Mintoff) ir-rikorrenti xorta ghandhom l-interess li juru li ma setax ikompli jitlob il-protezzjoni in kwantu fil-kaz tieghu ma kienux jirrikorru c-cirkostanzi kontemplati tal-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Kap. 199. Rilevanti f'dan il-kuntest hi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li nghatat fil-25 ta' Gunju 1996 fil-kawza **Carmela Aquilina vs Teresa Magro**[2] fejn gie osservat: *"issa ghandu jkun ovvjament car illi meta l-Ligi titkellem dwar it-terminazzjoni tal-kirja, qed tfisser il-mument meta s-sid jirrifjuta li jgedded il-kirja jew jintima lill-inkwilin bil-hsieb tieghu li jirriprendi l-pussess tar-raba ghal raguni, li skond hu, kien tintitolah fil-Ligi li hekk jaghmel. Huwa dak il-mument li jiddetermina l-fatti li taw lok ghall-prezenti vertenza u li l-Bord u din il-Qorti iridu jindagaw biex jiddeterminaw jekk id-decizjoni tas-sid li jittermina l-kirja kienetx jew le gjustifikata."*. Il-Bord ma jaqbilx mal-argument tal-intimati[3] li fic-cirkostanzi attwali wara l-mewt ta' Joseph Mintoff ir-rikorrenti m'ghadx ghandhom interess f'dawn il-proceduri. Ir-rikorrenti ghandhom kull interess in kwantu jridu jirriprendu l-pussess tar-raba' mertu ta' dawn il-proceduri.

4. Permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Dicembru 1999 (fol. 146) gie ddikjarat li r-rikorrenti kienu rnexxielhom jaghtu prova tal-bzonn. F'dik is-sentenza l-Qorti qalet hekk: *"Illi l-mertu ta' dan l-appell huwa identiku ghall-iehor fl-ismijiet Annunziata sive Nancy Grech et vs Anthony Mintoff (Rikors numru: 12/1991) deciza llum stess. A skans ta' ripetizzjonijiet, billi kif inghad il-meritu huwa identiku, din il-Qorti taghmel riferenza ghar-ragunamenti u ghall-konsiderazzjonijiet taghha f'dik l-istess sentenza li qed jigu applikati mutatis mutandis ghal dan l-appell u ghall-istess ragunijiet konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' l-istess, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara illi r-*

[2] Appell mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'.
[3] Nota ta' sottomissjonijiet tal-1 ta' April 2008.

*rikorrenti appellati pprovaw sodisfacentement l-element tal-bzonn minnhom rikjest f'azzjoni bhal din….."* u rrinvjat l-atti lura quddiem il-Bord.

Stabbilit dan il-bzonn jibqghu dawn il-kweziti:-

(a) Ir-raba' hijiex fonti importanti ghal ghejxien ghall-inkwilin u l-familja tieghu; u fl-affermattiv[4]

(b) Il-Bord irid iwiezen il-hardship rispettiv tal-partijiet sabiex jara min minnhom jista' jbati l-iktar jekk decizjoni tittiehed mod u mhux iehor.

F'dawn il-proceduri l-intimat kien xehed fis-seduta tal-4 ta' Lulju 1996 (fol. 71-72) u qal hekk:-

*"Jiena **l-hamest itmiem** raba' bqajt nuzahom ghall-prodott biex inkabbar il-wicc. Fil-prezent m'ghadnix nahdem jiena personalment dan ir-raba' izda inqabbad lit-tfal ta' hija jahdmuh **u daqqa naghtihom parti mill-wicc bhala hlas u gieli anke hallasthom fi flus**.*

*Jiena pensjonant. Nircievi pensjoni tax-xjuh ta' xi mija u tletin lira kull erbgha gimgha. Il-wicc li naghmel fir-raba' apparti dak li naghti lit-tfal ta' hija u dak li nzommu ghalija, nbieghu. Is-sena li ghaddiet kont gbart mitejn lira mill-bejgh tal-prodott li kabbart. Minn dawn irid jinqata' madwar mitt lira bejn spejjez u prodott li naghti lit-tfal ta' hija. Id-dar fejn nghixu jiena u huti xebbiet ghadu indiviz bejnietna.*

*Huti x-xebbiet ghandhom pensjoni bhal tieghi. Id-dar ohti issajjar u meta tigi biex tixtri ghall-hajja tiehu mill-flus li jkun hemm. Jiena u huti n-nisa ma nfittxux ma xulxin, kollox f'but wiehed. Huti n-nisa qatt ma ghinuni fir-raba"*.

---

[4] *"Bhala punt ta' dritt sewwa jigi sottolinejat illi l-Qorti ghandha l-ewwel tiddeciedi jekk ir-raba kienx verament fonti mportanti ghall-ghixien ta' l-appellat u dana qabel ma tinvesti l-kwistjoni tal-hardship. Jekk ir-risposta ghall-ewwel kwezit hi fin-negattiv, il-Qorti ghandha tieqaf hemm ghax il-materja tal-hardship issir ghal kollox irrilevanti"* (**Nazzareno Farrugia vs John Aquilina** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' April 1996).

Fl-atti tar-rikors numru: 11/91 fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Grech et vs George Mizzi**[5] giet prezentata formola tat-taxxa ta' Joseph Mintoff ghas-sena bazi 1995. Ghal dik is-sena d-dhul tieghu gie dikjarat hekk:-

1. **Pensjoni tas-sigurta'** …………………………..……..Lm1769.68.
2. **Dividend Lokali**……………………………......Lm134.19 ghas-sena 1995.
3. **Investimenti f'banek** …………………………Lm13,168 b'rata ta' 5% imghax u li tah dhul ta' Lm658.42 matul is-sena 1995.
4. **Investiment f'bank esteru**……………………..£6,047 b'rata ta' imghax ta' 4.25% u tah dhul ta' Lm144.84 matul is-sena 1995.

Sahansitra matul dik is-sena kien ghamel donazzjoni ta' mitt lira Maltija (Lm100) lid-Dar tal-Providenza. Annessa mal-formola hemm ricevuti li jidher li jirreferu ghal xiri ta' affarijiet mill-ispizerija f'ammont ta' ftit iktar minn mija u tletin lira Maltija (Lm130).

Il-Bord ma jqiesx li mill-prova li ressaq l-inkwilin Joseph Mintoff tohrog ic-certezza tal-prova li ghall-intimat ir-raba' kienet fonti importanti ghall-ghixien tieghu u l-membri tal-familja tieghu. Id-dhul li qal li jibqaghalu f'sena minn dak li jbiegh u wara li jaqta' minnu l-ispejjez u l-prodott li kien jaghti lin-neputijiet tieghu hu wiehed minimu meta jitqies fuq firxa ta' sena. Il-Bord mhu jara l-ebda element ta' sagrificcju li kien ser jeffettwa b'mod negattiv il-kwalita' tal-hajja ta' l-inkwilin jekk ma jibqax fit-tgawdija tar-raba'. Id-dhul li qal li kellu mir-raba' jirraprezenta percentwali zghira mad-dhul li ghandu. Dan apparti li mill-istess formola tat-taxxa ghas-sena bazi 1995, ma jirrizultax li kien qieghed jigi dikjarat introjtu li jdderiva minn attivita' agrikola. Attivita' li kif rajna l-inkwilin ma kienx baqa' jezercita, meqjus ukoll l-eta' avvanzata li kellu. L-inkwilin ma ta l-ebda taghrif tal-kwantita ta' prodott li kien jiehu ghal bzonnijiet tieghu u ta' hutu l-bniet. Fl-ahjar ipotezi ghalih l-

---
[5] Fol. 304-313.

iktar li jista' jitqies hu fonti jew mezz ta' ghixien, pero' certament ma jikkwalifikax bhala **"importanti"**. F'dan ir-rigward il-Bord m'huwiex sodisfatt li jekk ghall-inkwilin Joseph Mintoff kien jonqos dan id-dhul zghir li kellu mir-raba kien ser ifisser li l-mezzi ta' ghixien tieghu kienu ser jigu pregudikati b'mod sinifikanti. Irrizulta wkoll li l-inkwilin kien ighix ma' hutu bniet u jidher li kullhadd kellu d-dhul tieghu u kienu jhalltu u jaqsmu bejniethom u ma jfittxux ma' xulxin. L-intimati ma taw l-ebda spjega kif jekk l-art ma baqghetx mikrija lil Joseph Mintoff dan kien ser ibaghati *"sensibilment fil-mezzi tal-ghixien tieghu u dan b'mod sostanzjali"* (nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-intimati fl-1 ta' April 2008).

Il-Bord lanqas jaqbel mal-argument tal-intimati li l-istharrig ghandu jsir fuq il-bzonn li llum ghandhom l-intimati Joseph u Anthony ahwa Mintoff[6] in kwantu jidher li huma l-attwali detenturi tar-raba' u dan sa minn zmien meta kien ghadu haj missierhom Anthony Mintoff. Ir-rikors promotur sar fit-23 ta' Jannar 1992, li jfisser li dawn il-proceduri ilhom pendenti iktar minn sittax-il sena. Ir-relazzjoni tar-rikorrenti kienet mal-inkwilin (Joseph Mintoff) u ghalhekk kien il-legittimu kontradittur fil-konfront tas-sid. Mill-provi rrizulta li Joseph Mintoff kien baqa' guvni[7] u ma rrizultax li kellu tfal. Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007 il-partijiet iddikjaraw li *"…qeghdin jaqblu li Joseph Mintoff miet testat u l-werriet tieghu huwa huh Anthony Mintoff skond testment tal-21 ta' April 1989 atti Nutar Michael Refalo"*. Anthony Mintoff miet fid-19 ta' Ottubru 2007 (missier l-intimati Anthony u Emanuel ahwa Mintoff). Wara l-mewt ta' Joseph Mintoff ma jirrizultax li fil-kuntest tad-definizzjoni ta' *"membru tal-familja"* u *"kerrej"* (Kap. 199) xi hadd mill-intimati kien jikkwalifika bhala kerrej. F'tali cirkostanzi ma setax jinholoq rapport guridiku bejn ir-rikorrenti u l-intimati Anthony u Emanuel ahwa Mintoff ghal finijiet tal-Kap. 199. Hu evidenti li wara l-mewt ta' kerrej ta' art agrikola l-ligi specjali toffri l-vantaggi taghha lil dawk li jaqghu taht id-definizzjoni ta' membri ta' kerrej u membri tal-familja. L-ahwa Mintoff ma jaqghux taht id-

[6] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-17 ta' Settembru 2007.
[7] Rikors fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Grech et vs Anthony Mintoff** (Rikors numru:- 12/1991).

definizzjoni ta’ membru tal-familja ghal finijiet tal-Att dwar it-Tigdid ta’ Kiri ta’ Raba’. Il-Bord ghalhekk ma jifhimx kif fic-cirkostanzi attwali l-intimati qeghdin jippretendu li ghandu jinvestiga jekk ir-raba’ mertu tar-rikors hijiex fonti importanti ghall-ghixien ta’ Anthony u Emanuel ahwa Mintoff.

Anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jaghmel xi ezercizzju biex jistabilixxi jekk din ir-raba’ hijiex fonti mportanti ghall-intimati Anthony u Emanuel ahwa Mintoff, il-Bord jaghmel riferenza ghar-ragunamenti u konsiderazzjonijiet li ghamel fis-sentenza li ta fid-19 ta’ Ottubru 2007 fir-rikors numru 2/1992 fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Grech et vs Anthony Mintoff** u li qeghdin jigu applikati *mutatis mutandis* ghal dan ir-rikors u ghalhekk anke f’dan ir-rigward id-difiza tal-intimati ma tistax tirnexxi.

5. Ghal dak li hu kumpens ghall-benefikati ma sar l-ebda accenn u wisq inqas tressqet xi hjiel ta’ prova li saru xi benefikati fl-art mertu ta’ dan ir-rikors. Tant dan hu minnu li fin-nota ta’ sottomissjonijiet fil-parti *“likwidazzjoni ta’ kumpens dovut lill-intimat”* isostnu li dan l-ezercizzju ghandu jsir *“…..ghall-benefikati* ***talvolta*** *maghmula mill-inkwilin….”*. Dan il-Bord ma jara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandu f’dan l-istadju jinnomina periti teknici sabiex jerga’ jinfetah l-istadju tal-provi biex isir dak li messu sar fl-istadju meta kien ghadhom qeghdin jingabru l-provi. Dan apparti l-fatt li l-inkwilin Joseph Mintoff ilu issa mejjet iktar minn tmien (8) snin u kif rajna l-intimati ma jikkwalifikawx bhala membri tal-familja u kerrej kif definit taht il-Kap. 199.

Ghal dawn il-motivi l-Bord filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-intimati qieghed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jiehdu lura l-pussess tar-raba’ mertu ta’ dan ir-rikors fi zmien tletin (30) jum mil-lum. Ghal dak li hu talba ghal likwidazzjoni ta’ kumpens ghal benefikati peress li mill-provi li tressqu ma rrizultax li saru xi benefikati simili, tichad it-talba.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

## Appell

L-intimati appellaw mis-sentenza tal-Bord tat-12 ta' Gunju 2008 u ressqu diversi aggravji. Ir-rikorrenti wiegbu li s-sentenza moghtija mill-Bord hija gusta u timmerita li tigi konfermata ghalhekk talbu li l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

Kwantu ghall-pregudizzjali fir-risposta tar-rikorrenti fejn ighidu li l-appell huma null billi d-data tas-sentenza hija zbaljata, il-Qorti tirrileva li b'verbal tad 29 ta' April 2009 il-Qorti kienet laqghet talba ghall-korrezzjoni mitluba mill-intimati.

Ir-rikorrenti wiegbu wkkoll li kellhom jigu sfilzati d-dokumenti annessi mar-rikors ta' l-appell ta' l-intimati billi dawn kellhom jigu ezibiti matul il-produzzjoni tal-provi fl-ewwel istanza quddiem il-Bord u mhux wara li nghalqu l-provi u di piu fl-istadju ta' l-appell (ara Art. 150 tal-Kap 12).

Il-Qorti tosserva li dawn id-dokumenti gew ezibiti 'ssa fl-istadju wara li l-Bord f'sentenza fuq riferita kien irrimarka kif gej:

"Ghal dak li hu kumpens ghall-benefikati ma sar l-ebda accenn u wisq inqas tressqet xi hjiel ta' prova li saru xi benefikati fl-art mertu ta' dan ir-rikors. Tant dan hu minnu li fin-nota ta' sottomissjonijiet fil-parti *"likwidazzjoni ta' kumpens dovut lill-intimat"* isostnu li dan l-ezercizzju ghandu jsir *"…..ghall-benefikati* ***talvolta*** *maghmula mill-inkwilin…."*. Dan il-Bord ma jara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandu f'dan l-istadju jinnomina periti teknici sabiex jerga' jinfetah l-istadju tal-provi biex isir dak li messu sar fl-istadju meta kien ghadhom qeghdin jingabru l-provi".

Illi bil-prezentata ta' dawn id-dokumenti f'dana l-istadju, l-intimati qed jippretendu li jigi ammess dak li l-Bord

m’ammettiex bhala prova, u li l-intimati kienu naqsu li jressqu, ghalkemm kellhom snin shah biex jaghmlu dana. B’dan il-mod l-intimati jkunu qed  introducu provi godda meta l-istadju tal-provi  ilu li gie konkjuz.

Il-ligi fl-artikolu 145 tal-Kap 12 *inter alia*, tipprovvdi li mar-rikors ta’ l-appell ghandhom jingiebu d-dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet kontenuti fl-istess appell.  Dina l-Qorti hi konxja ta’ dak deciz fis-sentenza ta’ dina l-Qorti tal-4 ta’ Jannar 2005 fil-kawza fl-ismijiet ***A.Borg vs Fogg Insurance Ltd*** fejn irrimarkat li l-legislatur, stranament, jippermetti l-produzzjoni ta’ dokumenti godda mar-rikors ta’ l-appell u li d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 150 ta’ l-istess Kodici jiskattaw espressament meta dokument ma jigix ipprezentat kif stabbilit fl-Artikolu 145. Izda fil-kaz in ezami, fil-fehma ta’ dina l-Qorti, id-dokumenti ezibiti mhumiex intizi biex isahhu t-talbiet kontenuti fl-istess appell, imma huma provi godda li ma tressqux quddiem il-Bord, b’mod li jekk jigu ammessi, l-proceduri jkollhom jergghu jinfethu wara sbatax il-sena. Inoltre dawn id-dokumenti la huma awtentikati u lanqas konfermati bil-gurament minn min harighom. (ara Art. 627 tal-Kap 12) ghalhekk dina l-Qorti qed tordna l-isfilz taghhom.

Nullita’ tal-proceduri

Fl-ewwel aggravju taghhom l-intimati qed jissottomettu li hemm nullita’ tal-proceduri billi r-rikors li pprezentaw originarjament ir-rikorrenti, u diversi atti li gew prezentati sussegwentement miz-zewg partijiet, gew prezentati quddiem Bord li ma jezistix u li qatt ma kien jezisti.

Nullita’ tas-sentenza appellata.

Aggravju iehor huwa li s-sentenza appellata hija nulla billi l-okkju indikat fid-decizjoni huwa zbaljat fis-sens li mkien fl-okkju ta-sentenza ma jisemma li r-rikorrent Francesco Vella miet ghalkemm uliedu assumew l-atti.

Dina l-Qorti tirrileva li l-ewwel aggravju diga gie ezaminat minn dina l-Qorti diversament presjeduta fl-appell fil-kawza citazzjoni numru 12/1991 (li kienet miexja ma’ dina

l-kawza) kif ukoll minn dina l-Qorti kif presjeduta fl-istess kawza meta ntalbet ir-ritrattazzjoni taghha u dak aggravju gie michud. It-tieni aggravju wkoll gie konsidrat fl-appell fl-istess kawza imsemmija numru 12/1991 u gie michud. Dina l-Qorti tikkondividi l-hsieb ta' l-imsemmija Qorti f'dan ir-rigward u ghall-istess ragunijiet qeghda tichad l-istess aggravji.

Apprezzament ta' persuna zbaljata.

L-intimati hassewhom aggravati wkoll bis-sentenza tal-Bord billi fid-decizjoni tieghu l-Bord ta l-aktar importanza lill-bzonn ta' l-intimat originali Joseph Mintoff u mhux tal-persuni li saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju favur taghhom. Skond l-intimati l-Bord kellu jaghti dina l-importanza abbazi tal-principju ta' l-interess guridiku u tal-*jus superveniens*. Huma jghidu li meta miet Joseph Mintoff l-interess guridiku tar-rikorrenti biex ikomplu b'dina l-azzjoni ma baqax jezisti u min-naha l-ohra l-principju tal-*jus superveniens* jipprovvdi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni cirkustanzi li jkunu sehhew pendenti l-kawza u ghalhekk il-Bord messu hares lejn il-bzonn ta' l-intimati u mhux dak ta' Joseph Mintoff, illum mejjet.

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, minkejja l-mewt ta' Joseph Mintoff, ir-rikorrenti baqghalhom interess li jippruvaw li l-intimat Joseph Mintoff ma kellux protezzjoni mill-ligi billi ma kienitx tipprotegih u ghalhekk jitolbu r-ripresa tar-raba'. Huma fil-mument meta s-sid jirrifjuta li jgedded il-kirja jew jintima lill-inkwilin bil-hsieb tieghu li jirriprendi l-pussess tar-raba li jiddetermina jekk id-decizjoni tas-sid li jittermina l-kirja kienetx gjustifikata jew le.

Fil-fehma ta' dina Qorti, il-Bord korrettement tah importanza l-bzonn ta' l-intimat originali Joseph Mintoff li kien il-persuna li qed jokkupa r-raba' in kwistjoni b'titolu ta' qbiela meta gie intavolat ir-rikors odjern.

Kif qalet dina l-Qorti, diversament presjeduta fil-kawza Citaz 12/199, fuq l-istess aggravju, "Ir-rapport ta' inkwilinat ma kienx ma' l-imsemmija ahwa Mintoff izda ma' missierhom (fil-kawza l-ohra). Kien dan ta' l-ahhar li allura

kellu jipprova illi r-raba' kien sors vitali ghall-ghixien tieghu, u mhux ukoll l-ahwa Mintoff". Il-Qorti imbaghad irreferiet ghad decizjoni "**Grezzju Caruana -vs- Guzeppi Degabriele**" tat- 3 ta' Novembru, 2004, u kompliet ziedet tghid "Illi huwa inawdit illi ghaliex il-kawza twalet daqshekk u avveraw certi zviluppi, il-Bord kien obbligat li jokkupa ruhu wkoll mill-bzonn ta' l-ahwa Mintoff meta dawn ma kienux ko-inkwilini ma' missierhom, ma kienux jiddependu minnu, u, fuq kollox, ir-rikavat minnhom minn dik il-produzzjoni agrarja taghhom kienu qeghdin izommuh ghalihom". Kif gja ntqal huwa fil-mument meta s-sid jirrifjuta li jgedded il-kirja li jiddetermina jekk id-decizjoni tas-sid li jittermina l-kirja kienetx gjustifikata.

Fir-rigward, imbaghad, tal-principju tal-*jus superveniens* invokat mill-intimati dina l-Qorti fl-istess kawza citaz 12/1991 fuq riferita ssenjalat "li t-teoretika prospettata mill-appellanti lanqas ma hi guridikament fondata. Dan ghaliex it-teorija tal-*jus superveniens*, ta' indoli prettament procedurali, u mhux ukoll sostantiva, giet dejjem applikata ghall-kazijiet meta minghajr ma tbiddel id-domanda, ghalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument tac-citazzjoni, izda dak id-dritt jigi jsehh fil-mori tal-gudizzju".

Dina l-Qorti tirrileva li meta miet Joseph Mintoff l-atti gew trasfuzi fuq missier l-intimati u meta miet dana dahlu fil-kawza l-intimati. It-trasfusjoni tal-gudizzju saret ghal-skopijiet procedurali biex tkun tista' titkompla l-kawza u mhux necessarjament ghax l-intimati kienu s-successuri fil-kirja ta' Joseph Mintoff.

Dana l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

<u>Zball fl-applikazzjoni tal-Ligi</u>

L-aggravju li jmiss huwa proprjament il-mertu ta' dana l-appell.

L-intimati jirritjenu li l-Bord ghamel applikazzjoni zbaljata tal-ligi fejn qal li l-ahwa Mintoff ma jaqghux taht id-definizzjoni ta' membru tal-familja ghal finijiet ta' l-Att dwar

it-Tigdid ta’ Kiri tar-Raba, (Artikolu 2 tal-Kap 199). Huma jsostnu li r-raba li kien jahdem Joseph Mintoff kien effettivament raba wiehed ma dak ta’ missierhom Anthony Mintoff u huma komplew jahdmu r-raba ta’ missierhom ghalhekk jikkwalifikaw bhala “membri tal-familja.”

Illi l-artikolu 2 tal-Kap 199 jirrikjedi li biex wiehed jigi kunsidrat bhala kerrej irid mhux biss jaqa’ fid-definizzjoni ta’ “kerrej” imma jrid ukoll ikun “membru tal-familja”.

Illi biex xi hadd jitqies “kerrej” wara l-mewt ta’ l-inkwilin originali wiehed irid ikun (a) cessjonarju tal-kirja jew (b) li jkun legatarju tal-kirja jew (c) li matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kienx jghix mal-kerrej jew (d) kien jadem ir-raba mieghu jew ghalih jew (e) ikun il-werriet tal-kerrej.

Rilevanti ghal interpretazzjoni ta’ din id-definizzjoni hija d-definizzjoni tal-kelma “membru tal-familja” li jaghti l-istess artikolu 2. Dan huwa definit bhala li jfisser “axxendent lineari, <u>dixxendent lineari</u>, armla jew armel, ragel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma tergax tizzewweg, tal-kerrej.” Issa huwa ovvju minn din l-ahhar definizzjoni illi “membru tal-familja” ghall-fini ta’ dan l-Att ma tinkludix l-ahwa, aktar u aktar tfal tal-ahwa. (ara sentenza ta’ l-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet ***P.Magro vs A.Mifsud deciza fil 29 ta’ Jannar 1999***). L-intimati huma t-tfal ta’ hu Joseph Mintoff li kien l-inkwilin tar-rikorrenti u ghalhekk ma jistghux jivvantaw titolu bis-sahha tal-fatt, li huma kienu jahdmu r-raba li kien imqabbel ghand Joseph Mintoff li mbaghad ghadda ghand missierhom. Illi kif osserva l-Bord il-kirja kienet fl-istadju ta’ rikolazzjoni u l-ligi specjali li tirregola t-tigdid ta’ kiri tar-raba’ tipprovdi regoli definiti li jirrestringu r-rilokazzjoni ghal dawk il-membri tal-familja li hi tispecifika fid-definizzjoni fl-artikolu 2. Kien biss f’dawn ic-cirkostanzi li l-legislatur ried li l-qbiela tghaddi u tkompli ex lege fil-persuna tal-“membru tal-familja” ta’ l-inkwilin.

In vista ta’ dak li nghad din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tinoltra fil-konsiderazzjoni taghha ta’ l-aggravju l-iehor ta’ l-intimati biex tezamina jekk ir-raba’ in kwistjoni hux fonti importanti ghall-ghixien ta’ l-intimati ahwa Mintoff billi

huma ma jistghu jivvantaw ebda titolu bhala membri tal-familja ta’ Joseph Mintoff. Il-Bord, ghalkemm kien lahaq l-istess konkluzzjoni bhal dina l-Qorti, xorta wahda ddecieda li anke kieku kellu jsir dana l-esercizzju, l-intimati l-istess ma kienux isibu protezzjoni mil-ligi. Kwantu ghar-raba li kienet bi qbiela ghand missierhom huma ma kienux protetti kif gie deciz fis-sentenza Citaz Nru: 12/1991. Fil-kawza odjerna l-Bord wasal ghall-konkluzzjoni li Joseph Mintoff ukoll ma kienx protett bil-ligi billi ma giex pruvat li ghall-intimat Joseph Mintoff ir-raba’ kien fonti importanti ghall-ghixien tieghu u l-membri tal-familja tieghu u li fl-ahjar ipotezi ghalih setgha kien li r-raba jitqies bhala fonti ta’ ghixien izda mhux bhala fonti “importanti u dana billi d-dhul kien, bhala percentwali, wiehed minimu u ma kienx ser jeffettwa b’mod negattiv il-kwalita’ ta’ hajja tieghu.

Il-principju regolatur hu li din il-Qorti bhala Qorti ta’ Revizjoni m’ghandhiex tiddisturba leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, minghajr raguni gravi u impellenti. Dina l-Qorti ssib li f’dan il-kaz il-Bord, fl-esercizzju li ghamel, dahal fil-fond fil-kwistjoni u ma ssibx xejn x’ticcensura jew li jidher li mhux kongrwu.

Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad l-appell ta’ l-intimati bl-aggravji kollha tieghu, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu a karigu ta’ l-istess intimati appellanti. Ghal skop ta’ zgumbrament it-terminu ta’ tletin jum stabbilit mill-Bord jibda’ jiddekorri mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------